# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Settembru 2022**

**Talba Nru: 43/2021 JG**
**Numru fuq il-lista: 5**

**GO p.l.c. (C22334)**

**Vs**

**Csernik Elena (K.I. 119885(A))**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-11 ta' Frar 2021, permezz ta' liema, is-soċjetá attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenuta tħallasha l-ammont ta' elfejn u erbgħa u tletin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€2034.48), rappreżentanti servizzi reżi u mhux imħallsa, kif aħjar deskritt fl-

istess Avviż. Intalbu wkoll l-ispejjeż tal-proċeduri, dawk ta' ittra uffiċjali u l-imgħax[1];

Ra d-dokumenti annessi mal-Avviż[2];

Ra li l-konvenuta ġiet debitament notifikata[3] iżda la ppreżentat risposta fit-terminu li trid il-liġi u lanqas rreġistrat dehra f'dawn il-proċeduri. B'hekk ġie dikjarat li waqgħet fi stat ta' kontumaċja hekk kif reġistrat fis-seduta tas-16 ta' Ġunju 2022[4];

Sema' x-xhieda ta' Maryanne Camilleri[5];

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi kif diġà ġie indikat fir-riassunt magħmul hawn fuq, il-konvenuta f'dawn il-proċeduri naqset milli ssegwi d-dettami ta' żewġ regoli kardinali fi proċedimenti quddiem dan it-Tribunal u għalhekk ġiet dikjarata li kienet waqgħet fi stat ta' kontumaċja.

Illi kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti[6].

[1] A fol 1 *et seq.*
[2] Dok A sa Dok D.
[3] Bil-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni. Timbri tal-affissjoni jinsabu *a tergo* ta' fol 32. Estratt minn gazzetta lokali jinsab a fol 34 u dak tal-gazzetta tal-gvern jinsab a fol 35.
[4] A fol 40.
[5] Magħmula fis-seduta tas-16 ta' Ġunju 2022 u tibda a fol 41 tal-proċess.
[6] *Vide* f'dan is-sens dak li seħħ u ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Absolute Services Limited vs Stefan Darmenia** (Appell Ċivili (Inferjuri) Nru: 273/2019/1) deċiża fil-11 ta' Novembru 2020. Ta' interess huwa wkoll dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Giuseppe Wismayer ne.**

Illi t-Tribunal iqis li ma ngħata l-ebda raġuni l-għala dak sottomess mir-rappreżentanta tas-soċjetá attriċi m'għandux jitwemmen, u dan ukoll wara analiżi tad-dokumenti ppreżentati[7] u b'hekk sejjer jgħaddi sabiex jilqa' t-talba.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi jilqa' t-talba tas-soċjetá attriċi u jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjetá attriċi s-somma ta' elfejn u erbgħa u tletin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€2034.48), bl-imgħax legali mill-11 ta' Frar 2021[8] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 454/2020[9], jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenuta.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

---

**<u>Vs Giovanni Magro</u>**, deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ nhar il-24 ta' Novembru 1934 per Onor. Imħallef Dr. W. Harding.

[7] L-ammont indikat, kif speċifikat fid-dettal fl-Avviż tat-Talba jirriżulta ppruvat mid-dokumenti annessi.

[8] Data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba.

[9] L-ittra uffiċjali ssemmi l-ammont mitlub, iżda peress li ma ġietx notifikata m'hijiex sejra titqies ai fini t'imgħax iżda biss ta' spejjeż.